**Laqgha Numru 19/K6/2009**

**Introduzzjoni**

Minuti tad-Dsatax il-Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2009 li saret nhar il-Hamis 26 ta' Novembru 2009.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli, il-Kunsillier Lauro Fava (li wasal fil-5.45pm) u l-Kunisllier Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet skuzata minhabba li hija ndisposta u tinsab barra minn Malta.

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie pubblikat fit-18 ta' Novembru 2009. L-Agenda kienet:

- **01. Approvazzjoni tal-Minuti 18/K6/2009.**
- **02. Punti li johorgu mill-Minuti 18/K6/2009.**
- **03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**
- **04. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**
- **05. Mistoqsijiet.**
- **06. Korrispondenza.**
- **07. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**
- **08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**
- **09. Deċiżjoni dwar kwotazzjonijiet.**
- **10. It-Tqassim tad-dekasteri lill-membri tal-Kunsill.**
- **11. Approvazzjoni tal-kontijiet.**
- **12. Materji Ohra.**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 18/K6/2009.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghall-Minuti riferenza 17/K6/2009 item 6.38 fejn qal li fid-dawl ta' dak li stqarru l-Kunsilliera Lauro Fava u Joe Brincat fil-Minuti 18/K6/2009 item 12.07 huwa kien qed jipproponi li l-Minuti 17/K6/2009 ghalkemm diga kienu gew approvati ghandhom jigu emendati kif gej billi l-ahhar parti ta' item item 6.38 tigi tinqara *.... Li l-Kunsill jitlob lid-Dipartiment biex jghid lill-Kunsill bil-miktub jekk hux se jibda jaqta' l-palm fil-konfini tal-Kunsilli Lokali* ***u li l-Kunsill b'effett immedjat jittermina l-kuntratt li ghandu mas-sur Karmenu Mazzitelli.***

1.02. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

1.04. Is-Sindku Joe Zammit qal li fid-dawl ta' din l-emenda huwa kien qed jirtira wkoll il-kummenti u allegazzjonijiet li ghamel fil-Minuti 18/K6/2009 item 12.01 fejn kien irrefera li huwa kien gie zgwidat mis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg meta kien iffirma l-ittra tat-terminazzjoni tal-kuntratt lill-kuntrattur Karmenu Mazzitelli. Il-kelliem ippropona l-approvazzjoni tal-minuti riferenza 18/K6/2009 kif emendati.

1.05. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

1.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

1.07. Is-Sindku Joe Zammit irrimarka li b'effett minn din il-laqgha ma jistax ikun li meta membri tal-Kunsill iressqu lmenti jew kummenti, wara jitolbu li isimhom ma jitnizzilx fil-Minuti u ghalhekk talab lill-membri tal-Kunsill sabiex jaderixxu ma din id-direzzjoni.

1.08. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg talab lill-Kunsill jikkunsidra li fid-dawl ta' dak li gara fl-ahhar laqghat, il-laqghat tal-Kunsill jergghu jibdew jigu recorded skond kif indikat fis-Sitt skeda ta' l-Att sezzjoni 14a paragrafu 9. **(Ara dokument A)**

***1.09. Il-Kunsillier Lauro Fava skuza ruhu u wasal fil-5.45 pm.***

1.10. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg f'isem il-membri tal-Kunsill ferah lill-Kunsillier Lauro Fava ghas-success akademiku tieghu u ghall-gradwazzjoni tieghu bhala Prokuratur Legali.

1.11. Fid-dawl tar-rakkomandazzjoni tas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg, is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-laqghat jibdew jigu recorded skond l-Att.

1.12. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

1.13. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 18/K6/2009.

2.01. B'riferenza ghall-Minuti 18/K6/2009 item 4.12 fejn is-Sindku Joe Zammit kien qal li jekk kemm il-darba sa l-ahhar tal-gimgha li gejja t-talba tal-Kunsill ghall-fondi specjali ma tigix accettata mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali, huwa kien lest li jaghmel laqgha tal-Kunsill ghal decizjoni finali dwar l-installazzjoni tad-dawl fit-triq li minn Triq il-Mediterran taghti ghall-klabb sportiv ta' Pembroke Athleta, is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li b'telefonata li saret mis-Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said, kif ukoll fil-laqgha mas-Sindki Francizi fil-Lukanda Excelsior flimkien mal-Kunsillier Joe Brincat, kien gie nfurmat li l-Kunsill ser jinghata fondi specjali skond kif kien kiteb u talab il-Kunsill u li l-ammont ta' dawn il-fondi ser ikunu maghrufa l-gimgha d-diehla, fejn irrimarka li suppost dawn ser ikunu bizzejjed kemm biex isir id-dawl fit-trejqa li taghti ghall-klabb ta' Pembroke Athelta kif ukoll ghat-Triq San Gorg Preca. Il-kelliem informa lill-Kunsill ukoll li fil-kommunikat li kellu mas-Segretarju Parlamentari dan ta' l-ahhar infurmah biex jekk jixtieq il-Kunsill ta' Pembroke, jara kif saret triq gdida bid-dawl f'San Pawl il-Bahar u li qed tithaddem bis-Solar Energy u li jekk jaqbel ghall-Kunsill ta' Pembroke issir bhala.

2.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli rrimarka li jiddispjacieh ghal dak li kien qal is-Sindku Joe Zammit izda qal li ma jistax jemmen lill hadd inkluz lis-Sindku minhabba li

jemmen biss meta tkun ippublikata ufficjalment is-somma kemm ser jinghata Pembroke, jekk eventwalment jinghata.

2.03. B'riferenza ghall-Minuti 18/K6/2009 item 6.23 fejn is-Sindku Joe Zammit kien qal li r-rati tal-Bye Law dwar reklamar fuq ghamara tat-Toroq ghandhom jigu diskussa fil-laqgha li jmiss u dan wara li jintalab il-parir legali ta' l-Avukat sabiex issir l-emenda necessarja, is-Sindku Joe Zammit qal li dan il-punt tqajjem fil-laqgha li saret ma' l-Avukat u ghalhekk ippropona li r-rati ghandhom jigu emendati kif imressqa u l-Avukat jintalab jipprepara l-emenda necessarja. **(Ara dokument B)**

2.04. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

2.05. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.06. B'riferenza ghall-Minuti 18/K6/2009 item 6.118 u fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien qal li l-mawra ghand l-Arcisqof ghandha ssir it-Tlieta l-1 ta' Dicembru 2009 filghodu, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-Kurja kienu nfurmaw lill-Kunsill li l-Arcisqof ma setax jonora dik id-data minhabba mpenji ohra u li se tinghata data aktar il-quddiem – riferenza korrispondenza 46/6376/09/I.

2.07. B'riferenza ghall-Minuti 18/K6/2009 item 12.27 fejn il-Kunsill kien approva li terga' titwahhal il-lapida li jidher li kienet twahhlet mill-ewwel Kunsill, liema lapida ghandha issir tal-perspex u titwahhal fejn kien il-bieb principali dak iz-zmien, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li minn ricerka li ghamel fil-Kunsill ma sab ebda riferenza ghal din il-lapida kif ukoll ma nstab ebda ritratt u lanqas ebda riferenza fil-magazine li kien johrog il-Kunsill.

2.08. Is-Sindku Joe Zammit qal li jekk jiftakar sewwa l-kliem fuq din il-lapida kien ***"B'tifkira ta' l-ewwel Kunsill Lokali Pembroke li beda' l-hidma tieghu fid-19 ta' Marzu 1994 immexxi mill-ewwel Sindku is-Sur Joe Demicoli u l-Kunsilliera Mark Causon, Ray Pace, Joe Zammit u Gerald V. Bilocca"*** u ghalhekk ippropona li dan ghandu jkun il-kliem fuq din il-lapida.

2.09. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

2.10. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.11. B'riferenza ghall-Minuti 18/K6/2009 item 12.64 fejn is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg kien informa lill-Kunsill li l-kuntrattur tal-welding diga thallas l-ammont ta' €954.50 u ghalhekk fadal ftit sabiex jintlahaq l-ammont ta' €1,164.69, li huwa permess bhala direct order, is-Sindku Joe Zammit qal li kif kien maqbul fil-laqgha tal-Kunsill informa lis-sur Mark Abela b'dan u ghalhekk issa jipproponi biex jinhareg tender ghall-handyman service bis-siegha u li fost il-hiliet bazici ta' dan il-handyman irid ikun jaf sew is-sengha tal-welding. Il-kelliem qal li d-dokument ta' l-offerta ghandu jkun ta' € 50.00.

2.12. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

2.13. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.14. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg staqsa lill-Kunsill kemm ser jigu allokati fondi ghal dan ix-xoghol u dan sabiex tkun tista' tinhadem il-Bid Bond li tintalab ma' l-offerti.

2.15. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li dan ma jistax jinghad minn issa minhabba li dan ser jitqabbad skond l-esigenza. Il-kelliem ippropona ukoll li x-xoghol lill-persuna li eventwalment tintghazel jigi ordnat wara li tintalab stima u jigi kwantifikat ix-xoghol, liema stima tkun trid l-approvazzjoni tal-Kunsill qabel jinbeda x-xoghol. Il-kelliem

ippropona ukoll li mmedjatament ghandha tinstab persuna sabiex taghmel xoghol urgenti ta' railing wara Juno Flats. Il-kelliem irrakkomanda li ghandhom jigu avvicinati s-sur Emmanuel Casha li ghamel ir-railing ta' St Patricks, is-sur Ivan Abela u Azzopardi Aluminium & Metal Works li ghamlu r-railing ta' Triq il-Beatu Dun Gorg Preca.

2.16. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

2.17. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

3.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill **Internal Memo 89/2009** b'rapport tal-Bord ta' l-Ghazla Tender 4, 5 u 6/2009 **(Ara dokument C); Internal Memo 90/2009** b'rapport tal-Bord ta' l-Ghazla Kwotazzjonijiet 23, 24, 25, 26 u 27/2009 **(Ara dokument D); Internal Memo 91/2009** b'rapport tal-Kwotazzjonijiet 28 u 29/2009 **(Ara dokument E); Internal Memo 92/2009** b'rapport tal-Bord ta' l-Ghazla Kwotazzjonijiet 28 u 29/2009 **(Ara dokument F); Internal Memo 93/2009** b'rapport minghand il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat dwar incident li nqala waqt il-laqgha mal-Kap ta' l-iskola St. Michael Foundation **(Ara dokument G); Internal Memo 94/2009** b'rapport dwar CCTV ghall-Gnien Madre Teresa ta' Kalkutta **(Ara dokument H); Internal Memo 95/2009** b'rapport ta' diversi laqghat li saru **(Ara dokument I); Internal Memo 96/2009** b'rapport ta' l-azzjonijiet mehuda bejn laqgha riferenza 18/K6/2009 u 19/K6/2009 **(Ara dokument J); Internal Memo 97/2009** b'lista ta' laqghat li saru bejn laqgha riferenza 18/K6/2009 u 19/K6/2009 **(Ara dokument K)** Flyers dwar l-attivitajiet tal-Milied **(Ara dokumenti L u M)** u cirkularijiet li ntbaghtu lir-residenti **(Ara dokumenti N u O).**

3.02. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg gibed l-attenzjoni tas-Sindku ghall-Internal Memo 93/2009 tal-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat.

3.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli rrimarka li din l-Internal Memo jekk tigi diskussa, ghandha tigi diskussa fil-prezenza tal-Kunsillier Evelyn Vella Brincat u mhux illum minhabba li m'hijiex prezenti.

## 04. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

4.01. Is-Sindku Joe Zammit qal li saru diversi laqghat matul il-jiem li ghaddew fosthom laqgha mal-Forzi Armati Plant Troop f'Pembroke; ma' TCTC; mad-direttur tas-St. Michael's School; mal-kumpanija Novitas rigward servizzi ta' sahha; ma' l-Ambaxxatur il-gdid tac-Cina u mal-Ass. Head ta' l-iskola Primarja u darbtejn ma l-Onor. Dr. Chris Said wahda rigward il-problema tad-dawl u kontijiet pendenti u l-ohra rigward il-Konferenza tal-ECAD.

4.02. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg staqsa lill-Kunsill jekk humiex ser isiru rapporti bil-miktub kif isir is-soltu fosthom tal-laqghat li saru ma' l-Onor. Dr. Chris Said, mad-dirigenti ta' St. Michael's School u ma' l-Ambaxxatur Ciniz. Il-kelliem informa lill-Kunsill ukoll li huwa ma kienx mistieden ghall-ebda laqgha minn dawk li saret riferenza ghalihom ghalkemm kien xoghol u kien ghalhekk li kien qed jistaqsi ghar-rapporti.

4.03. Is-Sindku Joe Zammit qal li dawn ir-rapport ghad irid jippreparhom.

4.04. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghall-Internal memo 95/2009 fejn b'riferenza ghal-laqgha li saret ma' l-Assistent Kap ta' l-iskola Primarja kif ukoll wara

l-laqgha li kienet saret mar-residenti koncernata, ippropona li ssir skema tat-traffiku u zebra crossing quddiem il-bieb principali ta' l-iskola. **(Ara dokument P)**

4.05. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

4.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.07. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li ssir zebra crossing ukoll in-naha tal-genb ta' l-iskola fi Triq il-Kurunell Lorenzo Manche'.

4.08. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

4.09. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.10. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghall-Internal memo 95/2009 fejn b'riferenza ghal-laqgha li saret ma' l-AFM is-Sindku Joe Zammit ippropona li tinkiteb ittra lill-Onor. Ministru G. Pullicino fejn tintalab l-ghajnuna tieghu kif ukoll li l-Kunsill jipprovdi l-konkos sabiex issir il-manutenzjoni tat-toroq li jaghtu ghall-bahar, liema konkos ghandu jinxtara skond kwotazzjoni riferenza 15/2009.

4.11. Il-Kunsillier Joe Brincat ssekonda.

4.12. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 05. Mistoqsijiet.

5.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 06. Korrispondenza.

6.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm esebiti l-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn il-5 u s-26 ta' Novembru 2009 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

**46/6019/09/I** 03/11/2009 — E-mail minghand is-sur Eric Muscat fejn informa lill-Kunsill li hemm trinka vicin l-iskips int u sejjer ghall-grounds tal-Melita kif ukoll qal li hija ferm perikoluza u li tista' tikkawza hsarat lill-karozzi.

6.02. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6019/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li dan ix-xoghol isir meta jsir il-patching fil-lokal.

6.03. Il-Kunsillier Joe Brincat ssekonda.

6.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6039/09/I** 04/11/2009 — Ittra minghand l-Ministeru ta' l-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni rigward ir-riforma fit-Trasport Pubbliku nforma l-Kunsill li kienet saret laqgha fis-6 ta' April 2009 fejn kienu iddiskutew din l-istess riforma mal-Kunsilli Lokali, filwaqt li baghtu ukoll r-rotot li kienu inghataw fil-laqgha, r-rotot li gew emendati wara l-kummenti mill-Kunsill Lokali Pembroke.

6.05. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg gibed l-attenzjoni tal-Kunsill ghall-korrispondenza numru **46/6039/09/I** fejn is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu jibqa' jinsisti li r-rotta ghandha tghaddi minn fejn tghaddi bhalissa. Il-kelliem ippropona wkoll li sakemm tigi solvuta din il-problema l-Kunsill m'ghandux jibqa' jinsisti biex isir il-Bus Shelter ta' Triq Gabriel Henin u dak li hemm fil-parti ta fuq ta' Triq il-Mediterran.

6.06. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6053/09/I**
**46/6058/09/I**
04/11/2009
E-mail minghand AS Supplies fejn baghtu kwotazzjoni sabiex jinbidlu l-hinijiet ta' l-ufficcju u l-hinijet tal-librerija skond kif miftihem fil-Kunsill u kif ukoll kwotazzjoni ghal stickers sabiex jitwehhlu mat-toilets tal-Gnien.

6.08. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg gibed l-attenzjoni tal-Kunsill ghall-korrispondenza numri **46/6053/09/I u 46/6058/09/I** fejn is-Sindku Joe Zammit ippropona li ghandhom jigu ordnati zewg tabelli tal-hinijiet tal-ftuh ta' l-ufficcju u tal-librerija minhabba t-tibdil li kien hemm fil-gimghat li ghaddew.

6.09. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

6.10. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6059/09/I**
04/11/2009
Kwotazzjoni minghand il-Med Developers, Designers Consultants Ltd. sabiex jitwahhlu 4 lampi fit-triq li minn Triq il-Mediterran taghti ghal Pembroke Athleta.

6.11. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6059/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li kif spjega aktar il-fuq il-Kunsill ghandu jistenna sabiex jara kemm ser ikunu l-fondi specjali mghotija lill-Kunsill minhabba li jista' jkun li ssir it-triq kollha jigifieri it-8 arbli. Il-kelliem qal li dwar il-bankina ta' l-istess triq, inharget is-sejha ghax-xoghol kif infurmati mill-ADT stess.

**46/6066/09/I**
05/11/2009
Ittra minghand l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta, fejn baghtu pjanti ta' fejn ghandu jsir l-upgrading fi Triq Sant' Andrija.

6.12. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6066/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaghmel laqgha ta' nformazzjoni mar-residenti taz-zona ta' San Patrizju fuq dan ix-xoghol kif ukoll jigu mistiedna r-rapprezentanti/perit mill-ADT biex jattendi ghal din il-laqgha. Il-kelliem fakkar lill-Kunsill li xi 10 snin ilu il-Kunsill flimkien mar-residenti ta' San Patrizju kienu ghamlu protesta f'din iz-zona minhabba d-disgrazzji li jsiru fid-dahla u fl-akwati u li l-Kunsill kien hejja pjanti ta' kif l-ahjar li ssir din iz-zona u li frott ta' dan, illum inhargu dawn il-pjanti. Il-kelliem qal li dan kollu ghandu jsir wara li l-ADT jikkonfermaw jekk din il-proposta hijiex finali.

6.13. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.14. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6067/09I**
05/11/2009
Ittra minghand Fair Trading Limited jinfurmaw lill-Kunsill li f'konferenza l-Ministru tar-Rizorsi u Affarijiet Rurali kkonferma li l-Bring in Sites ser jaqghu taht ir-responsabilta' tal-Kunsill u offrew sabiex jiltaqghu mal-Kunsill u jiddiskutu s-servizzi taghhom.

6.15. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6067/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li ghandha issir din il-laqgha kemm jista' jkun malajr halli l-Kunsill jara kif ser tinvolvi lill-Kunsill din id-delega.

6.16. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.17. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6076/09I**
05/11/2009
E-mail minghand The Malta Hospice Movement fejn b'riferenza ghall-artiklu li deher fuq the Times of Malta nfurmaw lill-Kunsill li l-Gvern weghdhom bicca art gewwa l-lokal izda ghad m'ghandhom l-ebda

nformazzjoni ohra.

6.18. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6076/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/6077/09/I** 05/11/2009 E-mail minghand l-AKL fejn informaw lill-Kunsill b'seminar li ser isir nhar is-Sibt 28 ta' Novembru 2009, ghal dawk il-Kunsilli Lokali li talbu sabiex ikunu konformi mal-Patt tas-Sindki rigward it-tibdil tal-klima.

6.19. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6077/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li dan is-suggett qam fil-laqgha tas-Sindki u l-Vici Sindki u ghalhekk talab li jekk jista' jattendi mieghu ukoll il-Vici Sindku.

6.20. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.21. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6082/09/I** 05/11/2009 E-mail minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn b'riferenza ghall-Minuti li jitpoggew fis-sit lc.gov.mt, talbu sabiex il-Kunsilli kollha jaghmlu l-almu taghhom u jaggornaw is-sit ghaliex min qieghed jonqos li jaghmel dan qed jitnaqqsulu fondi mill-allokazzjoni.

6.22. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6082/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li s-Segretarju Ezekuttiv ghandu jiehu hsieb jara li l-Minuti tal-Kunsill ikunu up-to-date kif mitlub minn din il-Memo tad-Dipartiment.

6.23. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li dak mitlub mid-Dipartiment ilu jsir sa mil-ewwel gurnata u s-sit tal-Kunsill kienet l-ewwel wahda li kienet giet aggornata fost il-Kunsilli Lokali kollha Maltin.

**46/6124/09/I** 06/11/2009 E-mail minghand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn b'riferenza ghall-ittra li baghat l-Kunsill rigward jekk il-Kunsill iridx jitlob kwotazzjoni ghal kull attivita' / harga / kors anke jekk il-Kunsill ma johrog l-ebda flus, ir-risposta kienet li l-Kunsill irid dejjem jikseb kwotazzjoni jew johrog sejha pubblika.

6.24. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6124/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/6224/09/I** 10/11/2009 E-mail minghand is-sinjura Afton Seychell fejn b'riferenza ghall-permess li l-Kunsill tahhom sabiex jiehdu hsieb il-hamrija li hemm warajhom, talbet sabiex l-Kunsill jibghat lil xi hadd f'dan z-zmien tas-sena sabiex jinzabbru s-sigar li hemm fuq in-naha ta' gewwa ta' Sit A, San Gorg.

6.25. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6224/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jibghat lill-kuntrattur tal-Kunsill halli jara x'hemm bzonn isir.

6.26. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.27. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6232/09/I** 10/11/2009 E-mail minghand l-Onor Dr. Chris Said fejn b'riferenza ghad-diskors tal-budget baghat lista ta' mizuri relatati ma' l-operat tal-Kunsilli Lokali.

6.28. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6232/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/6237/09/I** 10/11/2009 Ittra minghand id-dirigenti tal-programm On D Road fejn talbu l-permess tal-Kunsill sabiex fis-27 ta' Dicembru 2009 bejn d-9.00am u l-10.30am juzaw parti mill-Ex Parade Grounds bhala t-tluq ta' Charity Ride li ser

jaghmlu f'gieh l-SOS Animals.

6.29. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6237/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li bhal ma sar fis-snin li ghaddew jinghata l-permess bhala sapport ghal kawza gusta ta' l-organizzaturi.

6.30. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.31. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6240/09/I** 10/11/2009 — Ittra minghand l-Awtorita' tad-Djar fejn b'riferenza ghall-ittra tal-Kunsill rigward l-ftuh ufficjali tal-facilitajiet sportivi ta' Pembroke Athleta, nfurmaw lill-Kunsill li huma ser inaddfu l-akwata mill-materjal ta' kostruzzjoni li baqa' sa l-ahhar ta' din is-sena, filwaqt li rigward il-fence l-Awtorita' ghadhom qed ifittxu disinn sabiex ilestu dan ix-xoghol.

6.32. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6240/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din hija ukoll attivita' konnessa mal-ftuh ufficjali tal-grounds sportivi tal-Pembroke Athleta liema azzjoni ser issir bl-intervent tal-Kunsill. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill ghandu jitlob lill-Awtorita' biex tinforma lill-Kunsill min qed jiehu hsieb dan ix-xoghol sabiex il-Kunsill jara li qed isir kif l-ahjar u halli nikkordinaw ix-xoghol flimkien.

6.33. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.34. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6247/09/I** 10/11/2009 — E-mail minghand is-sur Ivailo Ivanchez fejn qieghed jistaqsi xi mistoqsijiet dwar attivita' li jixtieq jaghmel relatata mal-progett ta' l-iskola ITS, gewwa l-Luxol Grounds.

6.35. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6247/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-persuna kien iltaqa' mieghu u wara li spjegalu x-xoghol li hemm mahsub ghall-'Park and Ride', huwa talab li jinstab post iehor alternattiv u ghalhekk kien ghamel komunikat mal-President Alex Calleja ta' Pembroke Athleta u ser jiltaqgha mieghu.

**46/6270/09/I** 11/11/2009 — E-mail mill-Ufficcju tal-President jinfurmaw lill-Kunsill li l-President ser jaghmel zjara ufficjali gewwa l-lokal nhar is-16 u l-20 ta' Gunju 2010 u talbu l-konferma tal-Kunsill.

6.36. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6270/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill biex tinkiteb ittra lill-Ecc. il-President ta' Malta halli jigi diskuss jekk il-programm tal-mawra huwiex ser ikun bhal ma kien sar mal-President Emeritus l-Ecc. Edward Fenech Adami.

6.37. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.38. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6298/09/I** 12/11/2009 **46/6564/09/I** 24/11/2009 — Ittra minghand d-Dipartimet ghall-Gvern Lokali fejn b'riferenza ghall-ittra li rcievew mibghuta mill-Avukat Mark Busuttil lill-Kunsill ghan-nom tas-sur Carmel Mazzitelli rigward il-palm, nfurmaw lill-Kunsill li dan is-suggett diga' gie diskuss fil-laqgha tal-Kunsill u talbu sabiex il-Kunsill jibghatu l-kummenti taghhom u jinformaw lid-Dipartiment bis-sitwazzjoni attwali.

6.39. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg gibed l-attenzjoni tal-Kunsill ghall-korrispondenza numri **46/6298/09/I u 46/6564/09/I** fejn is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li kienu ser jintbaghtu l-kummenti mitluba.

6.40. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li fil-fatt huwa kien talab lid-Dipartiment sabiex ikun jista' jibghat il-kummenti tieghu wara l-laqgha tal-Kunsill.

**46/6323/09/I** 13/11/2009 Ittra minghand il-MEPA fejn b'riferenza ghall-gbir ta' l-iskart infurmaw l-Kunsill illi hafna mit-trakkijiet li jigbru l-iskart ma juzawx RCV (refuse collection vehicle-scammel) u ghalhekk mill-1 ta' Jannar 2010 dan il-kuntratt ghandu jinghata lil min ghandu s-sistema tal-RCV. Ghal dawk li diga nghataw il-kuntratt iridu jigu ma' dawn il-kundizzjonijiet sa 1 ta' Novembru 2010.

6.41. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6323/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jinforma lill-kuntrattur bid-direttivi mahruga mid-Dipartiment.

6.42. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.43. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6329/09/I** 13/11/2009 E-mail minghad il-Perit Kevin Fsadni bi proposta ghall-bini ta' sala tal-Kunsill, fejn din id-darba s-sala ser tkun tmiss mal-bini ezistenti tal-Kunsill.

6.44. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6329/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li meta l-Kunsill jinghata l-permess u jkollu fondi specjali biex tinbena din is-sala u eventwalment issir, il-Kunsill jikkonsidra li fil-parti fejn bhalissa hemm il-mejda tal-Kunsill isir ufficcju gdid jew iehor biex jintuzaw mill-grupp tal-minoranza tal-Kunsill u li l-ufficcju tal-Kunsilliera ta' bhalissa iservi ghall-Vici Sindku u ghall-membri tal-grupp tal-maggoranza fil-Kunsill. Il-kelliem ippropona ukoll li l-Kunsill japplika ghall-permess tal-MEPA ghal dan l-izvilupp.

6.45. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.46. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6330/09/I** 13/11/2009 E-mail minghand il-Perit Kevin Fsadni fejn rigward il-Photovoltaic System, nforma l-Kunsill li l-ahjar li jitlesta d-dokumentazzjoni sabiex il-Kunsill ikun jista' japplika u nforma lill-Kunsill li la darba l-kuntrattur ikun maghzul l-applikazzjoni tkun tista' tigi finalizzata.

6.47. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg gibed l-attenzjoni tal-Kunsill ghall-korrispondenza numru **46/6330/09/I** fejn is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li d-dokument ta' l-offerti kien inhareg.

**46/6360/09/I** 13/11/2009 E-mail minghand is-sur Ray Abela ta' TCTC fejn b'riferenza ghall-ittra tal-Kunsill nforma l-Kunsill li TCTC ser jipprovdu l-artwork waqt li l-Kunsill ser jiehu hsieb li jsir il-printing bil-kulur u d-distribuzzjoni, u ghaldaqstant nfurmaw lill-Kunsill li huma lesti li jipprintjaw il-leaflets ghall-prezz ta' €30.00 ghal 1000 B/W u jekk il-Kunsill jaghzel li l-leaflets ikunu bil-kulur ikun hemm charge iktar ta' €100.00

**46/6386/09/I** 16/11/2009 Leaflet minghand TCTC sabiex jinforma l-Kunsill bil-korsijiet kollha li toffri din il-kumpanija.

6.48. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg gibed l-attenzjoni tal-Kunsill ghall-korrispondenza numri **46/6360/09/I u 46/6386/09/I** fejn is-Sindku Joe Zammit ippropona li TCTC ghandhom jigu nfurmata li skond il-laqgha li saret bejn il-Kunsill u l-kumpanija, l-ammont ta' €30.00 ghall-printing m'ghandhomx jithallsu mill-Kunsill

imma mill-kumpanija u dan b'rispett lejn il-programmi li saru flimkien fil-passat. Il-kelliem ippropona ukoll li jigu organizzati l-korsijiet E-Familja u Learn IT.

6.49. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.50. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6363/09/I** 16/11/2009 — Newsletter Numru 123 mingand l-ECAD.

6.51. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6363/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li f'din il-harga gew imhabbra d-dati tal-konferenza li ser issir gewwa Ghawdex (Malta) kif ukoll kopja taghha li ntbghatet lill-Onor. Chris Said.

**46/6368/09/I** 16/11/2009 — E-mail minghand is-sur Tonio Darmanin minn Paqpaq Promotions sabiex b'riferenza ghall-ittra li baghtlu l-Kunsill, talabna sabiex nibghatulu xi postijiet ghal kwiet sabiex ikunu jistghu jiffilmjaw, ma jtellfu lil hadd u fl-istess hin jaghmlu promozzjoni lil-lokal

6.52. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg gibed l-attenzjoni tal-Kunsill ghall-korrispondenza numru **46/6368/09/I** fejn is-Sindku Joe Zammit ippropona li s-sur Darmanin jigi mitlub juza s-sit ta' quddiem l-ITS u quddiem it-Torri tal-Madlien.

6.53. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.54. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6376/09/I** 16/11/2009 — E-mail minghand Fr. Mario Camilleri fejn b'riferenza ghall-harga li xtaq jaghmel il-Kunsill, nforma lill-Kunsill li nhar it-Tlieta l-1 ta' Dicembru 2009, l-Monsinjur Arcisqof ghandu mpenji ohra u li xorta wahda jixtieq jiltaqa' mar-residenti ta' Pembroke aktar 'l quddiem.

6.55. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6376/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Kurja kienu nfurmaw lill-Kunsill li l-Arcisqof ma setax jonora dik id-data minhabba mpenji ohra u li se tinghata data aktar 'l quddiem.

**46/6377/09/I** 16/11/2009 — E-mail minghand s-sur Edgar Chircop mill-Green Dot fejn b'riferenza ghal-laqgha li kellha ssir nhar l-Erbgha 4 ta' Novembru 2009 u li giet mhassra talab sabiex ssir laqgha ohra u jigu diskussi s-servizzi taghhom.

6.56. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg gibed l-attenzjoni tal-Kunsill ghall-korrispondenza numru **46/6377/09/I** fejn is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-laqgha ser ssir fil-jiem li gejjien minhabba mpenji ohra li ma kellux kontrol fuqhom.

**46/6378/09/O** 16/11/2009 — E-mail li l-Kunsill baghat lill-Waste Serv. fejn staqsejna fejn jistghu jintremew il-bozoz energy saving.

6.57. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6378/09/O** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li s-Segretarju Ezekuttiv ghaddha l-informazzjoni lil din is-sinjura kif ukoll ippropona biex il-Kunsill jaghmel progett pilota li bhal ma jingabru l-batteriji uzati, l-Kunsill ipoggi skip fil-Kunsill li tkun tinghalaq biex jingabru l-bozoz u din issir bhala inizjattiva favur l-ambjent. Il-kelliem qal li l-Kunsill ghandu jitlob il-parir u l-ghajnuna ta' Waste Serv. ghal dan specjalment minhabba t-tbattil ta' l-istess skip.

6.58. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.59. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6398/09/I** — Artiklu li deher fuq The Times of Malta rigward mizuri godda li hargu l-

17/11/2009 MRA rigward l-bowzers ta' l-ilma, liema bowzers ghandhom ikunu rregistrati ma' l-MRA, sabiex ma jkunx hemm iktar ksur fil-ligi kif ukoll li jkollhom apparat ta' 'load cell'.

6.60. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6398/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jinforma lill-kuntrattur bid-direttivi mahruga mill-MRA.

6.61. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.62. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6403/09/I** 17/11/2009 E-mail minghand Kullhadd Adverts fejn infurmaw lill-Kunsill bis-suppliment tal-Milied 2009 u bir-rati fejn il-Kunsill jista' jaghti l-awguri tal-Milied u s-Sena l-Gdida lir-residenti tal-lokal.

6.63. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6403/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/6410/09/I** 17/11/2009 E-mail minghand l-Ing. Peter Grima ta' l-Enemalta fejn b'riferenza ghall-kont tad-dawl li kien hemm pendenti ta' Sit B, informa lill-Kunsill li nghataw struzzjonijiet sabiex jitrasferixxu l-arlogg minn fuq il-kont tal-Kunsill ghal fuq il-kont tas-street lightning inkluz il-kont pendenti ta' hlas.

6.64. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6410/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li kif spjega aktar il-fuq, la darba l-Kunsill ikun jaf kemm ser ikunu l-fondi specjali li se jinghata biex isir id-dawl fit-triq li taghti ghall-klabb sportiv ta' Pembroke Athleta u Triq il-Beatu Dun Gorg Preca, wara l-Kunsill ghandu jiddeciedi taht liema voti ser jalloka dawn il-fondi li kienu imwarbin biex jithallas il-kont tad-dawl.

6.65. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg gibed l-attenzjoni tas-Sindku Joe Zammit li l-Kunsill kien rcieva diversi kwotazzjonijiet ghal diversi xogholijiet minghand il-kumpanija J & K Contractors Limited li jridu jkunu koperti minn dawn il-flejjes l'issa ghaddew ghand il-Kunsill.

**46/6411/09/I** 17/11/2009 E-mail minghand is-sur George Said li qed jikteb f'isem The Malta Historic Vehicles Trust, fejn qed jitolbu l-permess tal-Kunsill sabiex fil-25 ta' April 2010 jorganizzaw attivita' fl-Ex Parade Ground.

6.66. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6411/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li peress li din hija attivita' b'konnessjoni mal-militari li ghandha konnessjoni mal-lokal, ippropona li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni ghat-talba tal-permess. Il-kelliem ippropona ukoll li l-organizzaturi ghandhom jigu nfurmata li jista' jkun li fl-Ex Parade Ground ser ikun qed isir ix-xoghol ta' kostruzzjoni tal-Park and Ride u dan sabiex il-Kunsill ma jkunx akkuzat li ma kienx infurmahom dwar x'jista' jigri.

6.67. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.68. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6412/09/I** 17/11/2009 E-mail minghand il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat rigward tappiera li tinsab fi Triq Dun Amabile Sisner.

6.69. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6412/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li dawn huma ritratti li hadet il-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat hekk kif beda x-xoghol ta' scaryfying fi Triq Dun Amabile Sisner. Ghal dan il-ghan il-kelliem ippropona li l-Kunsill jinforma lill-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma sezzjoni tad-

Dranagg biex ix-xoghol ta' kostruzzjoni/tiswija madwar dawn it-tappieri ssir sewwa u skond is-sena.

6.70. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.71. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.72. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li x-xoghol ta' tarmak kien diga tlesta u jidher li x-xoghol huwa konkluz kif ukoll ix-xoghol ta' tarmak madwar dawn il-kaptelli.

**46/6431/09/I** 18/10/2009 Ittra minghand il-Kunsill Nazzjonali taz-Zghazagh fejn informaw lill-Kunsill li ser jorganizzaw il-Parlament Nazzjonali ghaz-zghazagh, (ghal zghazagh bejn it-13 u l-34 sena), fejn stiednu lill-Kunsill sabiex jaghzel 4 zghazagh mil-lokal sabiex jippartecipaw.

6.73. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6431/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li tintbghat leaflet fid-djar ghal zghazagh li huma nteressati li jiehdu sehem.

6.74. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-applikazzjonijiet jaghlqu fl-ahhar ta' Novembru u ghalhekk ma jarax kif dan jista' jsir f'gurnata wahda tax-xoghol.

6.75. Is-Sindku Joe Zammit fid-dawl ta' dan irtira l-proposta tieghu minhabba li m'hemmx bizzejjed zmien.

**46/6433/09/I** 18/10/2009 Ittra minghand l-ADT fejn nformaw li rcievew rikjesta ghall-Parking Bays quddiem dar numru 7 fi Triq Madre Margherita de Brincat u talbu l-kummenti tal-Kunsill.

6.76. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6433/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-ADT jigu nfurmata li dawn il-linji ser isiri kif riferiit ghal-laqgha li saret ma' l-Assistent Kap ta' l-iskola Primarja.

6.77. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.78. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6443/09/I** 18/10/2009 E-mail minghand l-AKL fejn baghtu l-programm ghas-seminar li ser isir dwar il-Patt tas-Sindki, nhar is-Sibt 28 ta' Novembru 2009 fid-9.00am.

6.79. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6443/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/6446/09/I** 18/10/2009 E-mail minghand id-Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn b'riferenza ghall-ittra tal-Kunsill rigward Partnership ma' Pembroke Athleta, nforma lill-Kunsill li ghandu jistenna l-kriterji li ghad iridu jigu mhabbra fid-dawl tar-riforma tal-Kunsilli Lokali.

6.80. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6446/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li kopja ta' din l-ittra tintbghat lill-Pembroke Athletics Section.

6.81. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.82. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6447/09/I** 18/10/2009 E-mail minghand il-Gazzetta KullHadd fejn b'riferenza ghar-reklami li jaghmel il-Kunsill f'gazzetti lokali, talbu sabiex ninkludu l-gazzetta taghhom fil-lista tar-reklami tal-Kunsill.

6.83. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6447/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li mill-lum 'l quddiem meta il-Kunsill jirreklama tenders u kwotazzjonijiet f'gazzetti, dawn ghandhom isiru fuq il-'Kullhadd' u fuq il-'Mument' bhala Sunday papers u Times of Malta u Independent bhala ddaily papers.

6.84. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.85. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6451/09/I**

**46/6453/09/I**

18/10/2009

E-mail minghand l-Fundazzjoni Anna Lindh fejn informaw lill-Kunsill b'seminar li jgib l-isem 'Euro Med Youth Policies on Intercultural Dialogue' gewwa Strasbourg mill-25 sat-28 ta' Jannar 2010. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet sabiex napplikaw ghal dan is-seminar.

6.86. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/6451/09/I u 46/6453/09/I** is-Sindku Joe Zammit irrakkomanda li l-Kunsill jiehu sehem kif esprimit ukoll il-Kunsillier Vella Brincat.

6.87. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet baghtet e-mail li mhux possibbli li tippartecipa minhabba li mhux elegibbli fil-kriterju ta' l-eta.

**46/6458/09/I**

18/10/2009

Ittra minghand l-Kumitat Kongunt ghall-Infurzar tal-ligi fejn baghtu cekk ta' €3,841 li jirraprezenta s-sehem tal-Kunsill mic-citazzjonijiet li dahhlu bejn l-1 ta' Mejju 2009 u l-31 ta' Ottubru 2009.

6.88. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6458/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li meta huwa bhala Chairman tal-Kumitat Kongunt kien iffirma dan id-dhul straordinarju ghall-Kunsill ta' Pembroke huwa kien ikkomunika permezz tat-telefone mal-Kunsilliera kollha biex jawtorizzaw, dejjem jekk jaqblu, lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex johrog works order lill-J&K Contractors biex isir ix-xoghol li kien hemm pendenti minhabba fondi fid-dahla ta' Pembroke. Il-kelliem qal li bi pjacir innota li kull Kunsillier kien approva din it-talba ghax b'hekk setghu jitlestew il-hofor kollha mehtiega biex ikun jista' jsir it-thawwil tas-sigar gentilment mghotija lill-Kunsill mill-Ministru George Pullicino. Ghalhekk il-kelliem qal li filwaqt li x-xoghol tal-hajt u bankina ser isiru mill-fondi allokati ghat-tiswija tat-toroq u bankini, x-xoghol ta' qlugh, tar-radam u thaffir tat-toqob ser isiru minn dawn il-fondi ta' l-LES. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li sallum il-Kunsill ghad m'ghandu l-ebda risposta minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali biex isir uzu mill-fondi 'ring fenced' ghal dan ix-xoghol. Ghal dan il-ghan il-kelliem qal li jigifieri kieku ma gewx dawn il-flejjes ta' l-LES, kieku sallum il-Kunsill ghadu qed jistenna u forsi ukoll tilef ic-cans li jiehu hafna pjanti u sigar mill-Ministeru. Il-kelliem qal li huwa jhoss li dan id-dewmien ta' decizjoni fil-konfront tal-Kunsill Lokali Pembroke u zgur ta' Kunsilli ohrajn ser itellef u jnaqqas ir-ritmu tax-xoghol tal-Kunsill u jtellef f'kazi bhal dawn introjtu lill-komunita' li mhux flus imma affarijiet ohra. Fid-dawl ta' dan kollu l-kelliem ippropona li l-Kunsill jikteb lid-Dipartiment f'dan is-sens u fl-istess hin tinhareg works order lill-J&K Contractor sabiex jithaffru t-toqob l-ohra fis-siti li l-Kunsill kien indika.

6.89. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda u zied li ghandhom jithaffru s-sigar fis-sit li hemm fin-nizla ta' Triq il-Fortizza.

6.90. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6474/09/I**

19/10/2009

E-mail minghand il-MEUSAC fejn informaw lill-Kunsill b'zewg progetti li jgibu l-isem ''Europe for Citizens - Town Twinning Citizens' Meeting'' u ''Youth in Action - Exchange'', li l-Kunsill jista' japplika ghalihom flimkien

ma' xi għaqdiet sportivi.

6.91. B'riferenza għall-korrispondenza numru **46/6474/09/I** il-Viċi Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li mmedjatament issir laqgħa ma' tal-MEUSAC halli jigu uzata z-zewg progetti biex isiru attivitajiet kemm sportivi kif ukoll gemellagg.

6.92. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.93. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill kopja ta' korrispondenza minghand il-MEUSAC b'rizultat ta' laqgha simili li saret fl-1 ta' Ottubru 2009, jigifieri ftit tal-gimghat ilu mal-MEUSAC stess fejn gew diskussa dawn il-proposti fil-prezenza tal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u tal-Kunsillier Joe Brincat. Il-kelliem fakkar lill-Kunsill li fil-fatt kien fuq dak diskuss f'din il-laqgha li Roccalumera gew mitluba japplikaw ghat-tournament tal-football tas-sena li gejja u nghataw kopja ta' l-istess dokumentazzjoni u ezempji ta' fuq xiex jistghu japplikaw. **(Ara dokumenti P, Q, R, S u T)**

6.94. Il-Kunsill qabel unanimament fuq il-proposta tal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli.

**46/6476/09/I** 19/10/2009 E-mail mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn informaw lill-Kunsill b'laqgha li ser ssir nhar it-Tlieta 24 ta' Novembru 2009 ghas-Sindki ma' l-Onor. Chris Said flimkien mal-Managment Efficiency Unit fejn ser jigu pprezentati r-rakkomandazzjonijiet dwar ir-riforma tas-Sistema ta' Infurzar Lokali (LES).

6.95. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6476/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/6477/09/I** 19/10/2009 E-mail minghand id-Direttur tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn b'riferenza ghall-ittra li baghat il-Kunsill rigward ,jekk il-membri tal-Kunsill ghandhomx ihalsu minn buthom il-mizata li jkun hemm meta jigu organizzati attivitajiet, il-Kunsill gie nfurmat li l-ebda Kunsillier ma ghandu jkun privileggat fuq residenti jekk mhux assenjat mill-Kunsill u li kull attivta' ma tistax issir bi hlas jekk mhux koperta bil-Bye-Laws.

6.96. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6477/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/6491/09/I** 20/11/2009 E-mail mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali rigward il-kuntratti ghall-gbir ta' skart imhallat fejn infurmaw lill-Kunsill li l-vetturi jridu jkunu RCVs u li l-garanzija bankarja trid tkopri l-perjodu u l-valur kollu tal-kuntratt.

6.97. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6491/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li fuq din il-materja kien tkellem mal-Vici Sindku wara li kien infurmat li l-kuntrattur qed isibha finanzjarjament difficli rigward il-garanzija bankarja. Il-kelliem qal li t-Tnejn kien informa lill-kuntrattur rigward dan u minnaha tieghu infurmah li hemm laqgha ma' l-Union taghhom rigward din il-problema li zgur se tohloq piz finanzjarju ghalihom. Is-Sindku Joe Zammit qal l'intant minhabba li z-zmien biex ikun iffirmat il-kuntratt il-gdid qed jersaq gmielu huwa kien baghat ittra lid-Direttur tat-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar jekk hemmx xi rimedju ghal dan il-piz halli ma jkunx fuq il-kuntratturi ghax wisq jibza li ser ikun hawn Kunsilli li ser jispiccaw minghajr servizz minhabba dawn it-talbiet finanzjarji esagerati.

6.98. Fid-dawl ta' dan is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg staqsa lill-Kunsill fuq liema bazi ser jigi ffirmat il-kuntratt fis-sens ghal kemm il-gurnata ser jintalab is-servizz kif ukoll minn fejn ser tinhareg id-differenza kbira li hemm fil-prezz.

6.99. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-kuntratt ghandu jigi ffirmat ghal 6 ijiem u l-Kunsill ghandu jara kif jiffinanzja din l-ispiza anke jekk jitwaqqaf kull xoghol iehor. Il-kelliem qal ukoll li huwa ma kienx lest li ma jingabarx l-iskart tal-lokal u dan minhabba l-fatt li l-kuntrattur ezistenti ma kienx lest li jgedded il-kuntratt li ghandu kif ukoll li d-Dipartiment ma kienx wiegeb konkretament l-ittra tal-Kunsill dwar iz-zieda fil-prezzijiet

6.100. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-finanzi tal-Kunsill ma jippermettux dawn il-hlasijiet iktar u aktar li dan il-kuntratt ser ikun qed jorbot lill-Kunsill ghall-erba' snin li gejja.

6.101. Fid-dawl ta' dan is-Sindku Joe Zammit ippropona li jigi ffirmat u l-finanzi jingiebu billi jitnaqqsu x-xogholijiet u jekk ikun hemm bzonn jitnaqqas dan is-servizz jekk ma jkunx hemm flus bizzejjed

6.102. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.103. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6492/09/I** 20/11/2009 — E-mail minghand s-sur Richard Attard mill-Parks Department fejn nforma lill-Kunsill li l-prezz ta' qtugh ta' kull palma huwa ta' €35.00 u €75.00 ghall-krejn ta' 4 sieghat.

6.104. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6492/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill minn issa ghandu jibda jirraporta l-palm li ghad baqa' marid u jekk ikun hemm bzonn li dan jinqata' ghandu jintuza dan is-servizz tal-Gvern.

6.105. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

6.106. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Kunsillier Lauro Fava u l-Kunsillier Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli astjena.

6.107. Il-mozzjoni giet approvata

6.108. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg staqsa jekk il-Kunsilliera jafux b'xi palm li huwa marid.

6.109. Is-Sindku Joe Zammit qal li kull Kunsillier responsabbli specjalment il-Kunsillier responsabbli mill-ambjent ghandu jara li jirrapporta lill-Kunsill sabiex wara tittiehed azzjoni.

6.110. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli xtaq ikun jaf x'ser jigri jekk id-Dipartiment idum ma jiehu azzjoni.

6.111. Is-Sindku Joe Zammit qal li d-Dipartiemnt ghandu jigi mitlub jaderixxi mal-ligi.

**46/6501/09/I** 20/11/2009 — E-mail mill-Ufficcju ta' l-Onor. Chris Said fejn informa lis-Sindku b'laqgha li ser ssir nhar l-Erbgha 25 ta' Novembru rigward l-mizuri li ttiehdu fil-budget b'rabta mal-Kunsilli Lokali.

6.112. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6501/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li huwa kien qed janticipa li f'din il-laqgha ikun maghruf kemm inghataw fondi specjali specjalment lill-Kunsill ta' Pembroke.

## 07. Kumitati Konguntì ta' l-LES u n-NHDJC.

7.01. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Vici Sindku kif ukoll lis-Segretarju Ezekuttiv li huma kienu mistiedna ghall-attivita' socjali organizzata mill-Kumitat Kongunt ta' l-LES ghas-Sibt 28 ta'Novembru 2009 flimkien mal-partner.

7.02. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li bir-riforma li saret dwar il-Kunsilli Lokali u bil-holqien tar-regjuni, jekk ikun hemm Kunsilli li ser jimxu minn Kumitat Kongunt ghal-regjun differenti, f'laqgha li saret fil-jiem li ghaddew huwa gie nfurmat li l-kuntratti li jkunu dahlu ghalihom ta' l-LES u Street Lighting ghandhom jibqghu in vigore sakemm jiskadu.

## 08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.

8.01. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli fakkar lill-Kunsill fl-attivitajiet tal-Milied li huma l-programm ghall-Anzjani fl-10 ta' Dicembru kif ukoll tat-tfal ghat-13 ta' Dicembru u talab lil kull Kunsillier biex jaghti s-sehem tieghu ghas-success ta' din l-attivita kif ukoll li l-istaff jiehu hsieb ukoll dawn l-attivitajiet. Il-kelliem awgura success.

## 09. Decizjoni dwar Kwotazzjonijiet.

9.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg irrefera lill-Kunsill ghall-Internal Memo 91/2009.

9.02. Is-Sindku Joe Zammit ippropona sospenzjoni tal-laqgha sabiex jiltaqa' l-Bord ta' l-Ghazla.

9.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

9.04. Il-Kunisll qabel unanimament.

***9.05. Il-laqgha giet sospiza fis-7.50pm.***

***9.06. Il-Laqgha tkompliet fit-8.00am.***

9.07. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li għall-**Kwotazzjoni 28/2009 – Christmas Decorative Street Lighting**, il-Bord ta' l-Ghazla kien qed jirrakkomanda li tintaghzel l-offerta ta' l-**Ghaqda Muzikali Stella Maris** abbazi li l-offerta taghhom hija l-aktar wahda finanzjarjament vantagguza. Fid-dawl ta' dan kollu l-kelliem ippropona li l-Kunsill japprova din ir-rakkomandazzjoni.

9.08. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli issekonda.

9.09. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.10. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li għall-**Kwotazzjoni 29/2009 – Tqassim Bieb Bieb ta' materjal tal-Kunsill**, il-Bord ta' l-Ghazla kien qed jirrakkomanda li tintaghzel l-offerta tal-kumpanija **13 Distributions Limited** abbazi li l-offerta taghhom hija l-aktar wahda finanzjarjament vantagguza. Fid-dawl ta' dan kollu l-kelliem ippropona li l-Kunsill japprova din ir-rakkomandazzjoni.

9.11. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli issekonda.

9.12. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.13. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li għall-**Kwotazzjoni 24/2009 – CCTV fi Gnien Madre Teresa ta' Kalkutta**, il-Bord ta' l-Ghazla kien qed jirrakkomanda li tintghazel l-offerta tal-kumpanija **Fomeco Limited** abbazi li l-offerta taghhom hija l-aktar wahda finanzjarjament vantagguza minhabba l-offerta ta' 'Leasing'. Il-kelliem qal li din il-proposta saret wara l-laqghat li saru ma' xi kumpaniji li ssottomew kwotazzjonijiet ghall-CCTV fejn irrizulta li l-offerta tal-kumpanija Fomeco Limited ghall-kirja ta' 8 cameras bil-prezz ta' € 912.50 eskluz il-vat fis-sena kienet vantagguza. Fid-dawl ta' dan kollu l-kelliem ippropona li l-Kunsill japprova din ir-rakkomandazzjoni. Il-kelliem ippropona ukoll li l-Kunsill ihallas hlas ta' darba ta' € 500.00 eskluz il-Vat biex ikopri l-ispiza biex isiru 8 cameras u mhux 3 kif indikat fit-

talba tal-Kunsill. Il-kelliem qal ukoll li l-Kunsill ghandu jipprovdi linja ta' l-internet fil-gnien ghas-spejjez tal-Kunsill.

9.14. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

9.15. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg gibed l-attenzjoni tal-Kunsill li fil-kwotazzjoni sottomessa mill-kumpanija Fomeco imkien m'hemm imnizzel l-ammont ta' € 500.00 eskluz il-Vat apparti l-fatt li fl-istess kwotazzjoni hemm indikat li l-prezz ta' € 912.50 eskluz il-Vat jinkludi l-provvista sabiex jigu nstallati 8 cameras. Il-kelliem fakkar lill-Kunsill li din id-decizjoni ser tfisser spiza rikorrenti fis-sena ta' €1,076.75 apparti l-linja ta' l-internet ghall-perjodu ta' hames snin.

9.16. Is-Sindku Joe Zammit qal li kien ghalhekk li saret laqgha ma' l-Offerenti biex jinghata akarr taghrif. Il-kelliem qal li propjudan gara minhabba li hemm 8 cameras u mhux 3 kif talab il-Kunsill. Il-kelliem qal ukoll li l-apparat ser ikun installat fis-sala tal-Kunsill sabiex kulhadd ikollu access ghalih.

9.17. Il-Kunsill qabel unanimament fuq il-proposta tas-Sindku.

## 10. It-Tqassim tad-dekasteri lill-membri tal-Kunsill.

10.01. Is-Sindku Joe Zammit ipprezenta lista bi proposti ta' kif jahseb li ghandhom ikunu ir-responsabbiltajiet/dekasteri ghal kull Kunsillier skond l-emendi mitluba fl-att tal-Kunsilli Lokali. Wara diskussjoni li saret il-kelliem ippropona li dawn jigu approvata. **(Ara dokument U)**

10.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

10.03. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat vvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Lauro Fava astjena.

10.04. Il-mozzjoni giet approvata.

## 11. Approvazzjoni tal-kontijiet.

11.01. Is-Sindku Joe Zammit ressaq skeda ta' pagamenti ghad-diskussjoni. **(Ara dokument V, W u X)**

11.02. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif ipprezentati kif ukoll li l-kontijiet tal-kumpanija J & K Contractors ghandhom jinhargu wara li jasal ic-certifikat tal-Perit.

11.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

11.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 12. Materji ohra.

12.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li huwa kien talab informazzjoni minghand id-Direttur tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar jekk il-Kunsill jistax jipprovdi lill-membri tal-Kunsill b'kompjuter sabiex jaccessaw l-emails fejn ir-risposta kienet li b'effett mil-1 ta' Jannar 2010 l-allowance li ser jinghataw il-Kunsilliera ghandhom juzawha sabiex ikopru kull spejjez li jkollhom bzonn inluz jekk ikollhom il-htiega li jixtru kompjuter. **(Ara dokument Y)**

12.02. Fid-dawl ta' dan is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu joggezzjona mad-Dipartiment ghal dawn il-kummenti kif ukoll li l-Kunsill ma jistax jara kif l-

allowance li ser ikun hemm tkopri ghall-ispejjez kollha li volontarjament jaghmlu l-Kunislliera.

12.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

12.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.05. F'diskussjoni li saret is-Sindku Joe Zammit u l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli esklamaw li ghal-laqghat li jibda' jkollhom huma mhux ser jaghmlu uzu mill-vetturi personali taghhom izda ser jitolbu lill-Kunsill li jipprovdi trasport jew inkella li tinxtara vettura tal-Kunsill ghall-uzu tal-Kunsilliera.

12.06. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li ma kien hemm ebda kummenti mill-pubbliku ghall-Bye Law dwar il-korsijiet, hargiet u attivitajiet u ghalhekk din intbaghtet ghall-approvazzjoni tad-Dipartiment kif jitlob l-Att.

12.07. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-bandiera ta' Pembroke Town kienet tqattat u ghalhekk staqsa lill-Kunsill jekk tintalabx ohra jew tigi ordnata wahda mill-Kunsill.

12.08. Is-Sindku Joe Zammit ppropona li jingabru kwotazzjonijiet halli l-Kunsill jara kemm tiswa u wara jiddeciedu jekk il-Kunsill jitlobx ghal ohra minn Wales jew tinxtara mill-Kunsill. Il-kelliem qal li m'hemmx ghalfejn li jsiru avvizi minhabba li din zgur li mhux ser tiswa hafna flus ghajr ftit Ewros.

12.09. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

12.10. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.11. Vis-a-vis ix-xoghol ta' tarmak li sar fil-lokal fil-gimghat u xhur li ghaddew, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg irrakkomanda lill-Kunsill li jitqabbad il-Perit tal-Kunsill sabiex jiccertifika ghall-Kunsill ix-xoghol ta' tarmak li sar fi Triq Dun Amabile Sisner, Triq il-Kurunell Lorenzo Manche' u Triq Madre Margherita de Brincat u parti minn Triq il-Mediterran u dan sabiex ma jkunx hemm problema aktar il-quddiem minhabba li x-xoghol ma sarx minn kuntrattur tal-Kunsill.

12.12. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jiehu r-rakkomandazzjoni tas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

12.13. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

12.14. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.15. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qabel siefret fuq bzonnijiet familjari xtaqet tipproponi li l-Kunsill igib il-Blood Donation Mobile Unit gewwa l-lokal. Minhabba li tinstab skuzata ghal din il-laqgha ghan-nom taghha l-kelliem ippropona li din it-talba tigi approvata.

12.16. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

12.17. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.18. Is-Sindku Joe Zammit qal li wara lment li wasallu minghand is-Sinjura Mary Borg li toqghod 23, Triq Gabriel Henin, fejn nfurmat lill-Kunsill illi ghandha hofra kbira quddiem il-garaxx taghha u ghalhekk ippropona li tissewwa l-hsara li hemm.

12.19. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

12.20. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.21. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li la issa l-Kunsill gie nfurmat li l-flejjes li warrab il-Kunsill ghall-hlas tad-dawl f'San Gorg huma tal-Kunsill, issa l-Kunsill jista' jippubblika l-ktieb rigward Pembroke u ghalhekk ippropona li ghandha tinhareg il-works order.

12.22. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

12.23. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.24. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet talbitu sabiex iressaq diversi punti ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera fosthom biex jergghu jitwahhlu sewwa l-imwejjed li hemm fil-picnic area kif ukoll li l-mejda li kienet insterqet u wara ngiebet lura u li tinsab fuq is-saqaf ta' l-istore tal-Kunsill ghandha terga' tehel.

12.25. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaghmel dan ix-xoghol li tressaq mis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg f'isem il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat.

12.26. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

12.27. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.28. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li fis-sit ta' l-istalel jirrizulta li qed jigi okkupat minn persuni minghajr permess. Il-kelliem qal ukoll li waqt spezzjoni li ghamel fuq il-post jirrizulta li hemm kaptelli fuq il-culvert li huma miksura u ghandhom bzonn li jinbidlu. Fid-dawl ta' dan ippropona li tinhareg works order lill-J&K Contractors sabiex jaghmel dan ix-xoghol kif ukoll sabiex jirranga l-plakka tal-konkos ta' l-isem tat-Triq li hemm f'San Patrizju minhabba li hija miksura u perikoluza.

12.29. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

12.30. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.31. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li jehel pole tad-dawl iehor f'Sit F mill-kumpanija E.Calleja & Sons minhabba li hemm nuqqas ta' dawl.

12.32. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

12.33. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.34. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jitlob lill-J&K Contractors sabiex issir stima tax-xoghol biex biswit fejn ser jithwahlu s-sigar fid-dahla ta' Pembroke isir parkegg ghar-residenti li ma jkunx jidher minn Triq Sant Andrija.

12.35. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

12.36. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.37. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-ftuh ufficcjali ta' l-iskola primarja ser isir nhar id-9 ta' Dicembru 2009.

12.38. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsilliera li b'effett mill-laqgha li jmiss, kull proposta l'issir t'infieq ghandha ssir skond dak stipulat fl-Avviz Legali 255 ta' l-2009. **(Ara dokument Z)**

12.39. Is-Sindku Joe Zammit ghalaq il-laqgha fit-8.30pm wara li ntlahaq ftehim li l-laqgha li jmiss issir nhar l-Erbgha 16 ta' Dicembru fil-5.30 pm jew wara u dan jiddependi minn meta l-Kunsill jircievi l-allokazzjoni finanzjarja ghas-sena 2010.

| Joe Zammit | Kevin Borg |
|---|---|
| ***Sindku*** | ***Segretarju Ezekuttiv*** |